**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 17**

**Data: 29 ta' Lulju 2025**

**Hin: 9.13am**

**Post: Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Dr. Lisa Marie Brooke* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

17.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

17.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

17.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

17.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

17.5 Korrispondenza u Rapporti;

17.6 Jum l-Gharb 2025;

17.7 Attivitajiet;

17.8 Offerta GRB02-2025;

17.9 Materji ohra;

17.10 Skeda ta' Pagamenti;

17.11 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**17.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

17.1.1 Tonio Mifud talab sabiex jigi skuzat peress li ma setghax jattendi minhabba impenji ta' xoghol. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi skuzat.

**17.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

17.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korett.

**17.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

17.3.1 Is-Sindku talab sabiex issir minuta silenzju wara li gie nieqes l-ek Sindku ta' Gerano, s-Sur Giorgio Fubelli li kien gie nieqes ftit tal-granet qabel. Il-Kunsill osserva minuta ta' silenzju.

**17.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

17.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**17.5 Korrispondenza u Rapporti**

17.5.1 Giet trattata korrispodenza minghand is-Sur Charles Bezzina fir-rigward ta' kotba li kien kiteb li ghandu ghal bejn ta' zmien il-gwerra. Il-Kunsill qabel li ghandu jakkwista' zewg kopji minn dawn il-kotba. Fl-istess ittra saret referenza ukoll ghal lapida li huwa ssugerixxa li tehel mall-knisja taz-zejt. Fuq din ta' l-ahhar il-Kunsill qabel li ghandha tehel lapida galdarba jkun hemm l-approvazzjoni tal-Arcipriet. Ghaldaqstant ghandha tintbghat email b'din il-proposta lill-Kunsill.

17.5.2 Gew trattati s-segwenti applikazzjoni ghall-permess ta' zvilupp tal-Awtorita' tal-Ippjanar:
PA/04379/25, PA/04529/25, PA/04524/25 u PA/04584/25.

**17.6 Jum l-Gharb 2025**

17.6.1 Is-Sindku qal li fid-29 ta' Awwissu, ser ikun iccelebrat Jum l-Gharb. Huwa ppropona li peress li l-gurnata tad-29 ta' Awwissu tahbat il-Gimgha, ssir serata filghaxija. Waqt is-serata gie propost li ssir Cantata mis-Surmast Antoine Mercieca u program li jkun fih l-ghoti tal-premijiet. Is-Sindku qal li kien hemm ukoll talba mir-Regun t'Ghawdex ghall-kompetizzjoni ta' poezija madwar il-lokalitajiet kollha Ghawdxin fejn l-isbah poeziji jigu pubblikati fi ktieb. Huwa

ssugerixxa sabiex jekk il-kompetizzjoni tkun giet finalizzata l-poeziji ghandhom jinqraw waqt is-serata ta' Jum l-Gharb. Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni fejn qabel li ghandu jigi ppublikat avviz fuq il-facebook page tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ukoll li ttella' s-serata ta' Jum l-Gharb b'kant tal-kantata u ghoti ta' premijiet fost ohrajn.

Il-Kunsill qabel ukoll li n-nominazzjonijiet ghall-premijiet ta' Jum l-Gharb ghandhom jigu decizi waqt il-laqgha li jmiss tal-Kunsill.

17.6.2 Gie spjegat li dilettanti tal-vetturi tad-ditta MG ipproponew lill-Kunsill sabiex isir attiita' fit-30 ta' Awwissu filghaxija. Ix-xewqa taghhom huma li jgibu bejn 25 u 30 karozza u jigu ezebiti fil-Pjazza taz-Zjara tal-Madonna. Maghhom ikun hemm attivita' bhal grupp ta' kant u dakinhar jithassar anke il-karoke. Is-Sindku ssugerixxa ukoll sabiex ir-ristoranti jaramaw fuq barra u jsir 'dining al fresco' bhal ma kien isir fis-snin precedenti. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandha ttella' din l-attivita'.

17.6.3 Is-Sindku qal li d-dilettanti tal-isparatura jixtiequ li jtellghu attivita' ohra pero' din id-darba filghaxija. Giet issgerita' d-data tat-28 ta' Awwissu filghaxija jew inkella' l-Hadd filghodu 31 ta' Awwissu. Il-Kunsill qabel li galadarba urew ix-xewqa din tista' terga tigi organizzata.

**17.7 Attivitajiet**

17.7.1 Is-Sindku qal li bhala attivitajiet ohra li ser jigu organizzata hemm il-Puppets festival f'Settembru, segwit bil-Kite and Wind Festival f'Ottubru u f'Novembru l-weekend ta' attivitajiet li jinkludi l-Opra, Make Music Great u Herbs Festival. Ghal dan is-Sindku qal li l-Opra ghal din is-sena qed tigi proposta sabiex issir gurnata fejn issir xi tip ta' attivita' jew fil-muzew tal-folklore jew fil-knisja fejn jintuza l-orgni pero' din ghadha qeghda tigi diskussa.

**17.8 Offerta GRB02-2025**

17.8.1 Gie diskuss ir-rapport ta' evalwazzjoni tal-offerta' GRB02-2025 ghal xoghol ta' ventilazzjoni u arja kundizzjonata fl-ARB Complex bhala parti mill-progett taht il-Gozo Action Group. Gie innotat li kien hemm xi dokumenti neqsin u li saret talba ghalihom. Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni fejn qabel li galadarba d-dokumenti mitluba jkunu intbghatu u jkunu *compliant* l-offerta' ghandha tinghata lil irhas offerta' sottomessa.

17.8.2 Joseph Mizzi staqsa jekk il-*lift* kienx wehel. Is-Sindku qal li ix-xoghol huwa ghaddej u mistenni jitlesta fil-hin anke jekk hemm xi problem zghar. Min-naha l-ohra spjega li l-Ministeru ghal Ghawdex kien ipprovda xi ghamara ghal kumpless. Kien spjegat ghadha kif giet sottomessa l-applikazzjoni ghall-fondi sabiex isir gym u kmamar ta' terrapija fil-kumpless ARB.

17.8.3 Is-Sindku ta aggornament fuq ix-xogholijiet fi Triq Tumas Cassar. Il-Perit kien qed jipprepara l-istima l-gdida ghal din it-triq fejn jidher li ser tkun irhas minn dik ta' qabel. Dawn il-fondi iridu jigu approvati min-naha tad-Dipartiment tal-Kunsilli

Lokali permezz ta' *direct order* Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni fuq din il-materja u qabel unanimament li ghandha ssir talba permezz ta' *direct order* quddiem id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

Is-Sindku qal li fir-rigward ta' Triq Tumas Cassar ukoll, il-Korporazzjoni tal-Ilma ma jridux ihallsu ghal din il-parti pero' huma kommessi ghaz-zona tal-Wilga. Flimkien ma' din iz-zona hemm ukoll inkluz Triq Ta' Sdieri fejn irid jinbidel il-main tal-ilma minhabba xi hsara li hemm fuq il-bridget fejn nizlet it-triq.

**17.9 Materji ohra**

17.9.1 Is-Sindku qal li l-applikazzjoni ghall-isqaqien ta' Sqaq ta' Gahan li ghalih kienet saret applikazzjoni ma' l-ECO Gozo ma kienetx giet aċċettata peress li ried ikun Sqaq wiehed u dan kien jinkludi diversi ferghat ġewwa fih.

17.9.2 Is-Sindku qal ukoll li kienet saret applikazzjoni ghal Town Twinning, liema applikazzjoni ghadha qeghda tiġi evalwata.

17.9.3 Gie spjegat ukoll li qeghda ssir applikazzjoni ohra bl-ghajnuna tal-agenzija SEM ghal bins taht l-art tal-bring-in-sites.

17.9.4 Joseph Mizzi qal li l-globi tal-playing field ta' Triq Tumas Cassar kien mitifija, fejn is-Sindku spjega li dawn kienu gew mitfija apposta biex jitranġa xi hsara li kien hemm.

17.9.5 Joseph Mizzi staqsa jekk hux possibbli li tinbidel ic-cangatura taz-zuntier tal-Knisja peress li hemm minnhom li huma imhaffrin. Is-Sindku qal li l-parrocca kienet applikat sabiex iġġib fondi biex isir dani x-xoghol ta' bdil tac-cangatura.

**17.10 Skeda ta' Pagamenti**

17.10.1 L-Iskeda tal-Pagamenti giet approvata.

**17.11 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

17.11.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Erbgha 20 ta' Awwissu fid-9.00am.

17.11.2 Il-laqgha spiccat fil-11.39am.

Konfermati minn:

David Apap
Sindku

Emily Amatulli Depasquale
Segretarju Ezekuttiv